MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 2182/2003

**Papyrus Peprographic Services Limited**
**Vs**
**Casapinta Design Group Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba' mija u erba' u ghoxrin lira u tmienja u sittin centezmu (LM724.68), rappresentanti prezz ta' xoghol ta' disinn li sar mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta u dan skond il-fattura ta' l-4 ta' Ottubru, 2004;

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet in linea preliminari, illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet illi s-socjeta' attrici giet ikkuntrattata li tesegwixxi ma kienux tal-kwalita' patwita;

Illi, in konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet ta' kwalita' inferjuri, is-socjeta' konvenuta nkorriet danni konsiderevoli fil-konfront ta' terzi li ghalihom kienu intizi x-xogholijiet in kwistjoni u ghalhekk l-ammont reklamat mhux dovut;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal datata 19 ta' Gunju, 2006 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni supra;

Ra x-xhieda ta' Ruth Grixti li hija direttrici tas-socjeta' attrici. Din ix-xhud tghid li bhala socjeta' jaghmlu *printing* ghall-fieri u kienu jahdmu hafna mas-socjeta' konvenuta. Id-disinn kellu jsir fuq materjal tal-*plastic* u Grixti tispjega li jekk ma jithalliex jinxef sew, il-materjal tal-*plastic* jingiref;

Is-socjeta' konvenuta kellha bzonn dawn id-disinji urgentement ghax kellhom xi ordnijiet ghall-Libya. Generalment il-materjal jithalla jinxef ghal hames sieghat, izda kull ma hallewh f'dan il-kaz kien ghal saghtejn ghaliex hekk ried il-klijent;

Meta ix-xoghol wasal il-Libya xi sitt ijiem wara, gew infurmati li d-disinn kellu l-grif;

Tispjega li kienu offrew li jergghu jistampaw l-istess xoghol u di fatti hekk gara, pero' il-kont xorta wahda baqa' pendenti, ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet ddecidiet li ma tridx thallas peress illi x-xoghol kien migruf;

Ra x-xhieda ta' Tonio Casapinta li huwa *managing director* tas-socjeta' konvenuta u jispjega li kienu inkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghol ta' *printing*. Bhala socjeta' kienet giet inkarigata biex taghmel l-istand tal-Emirates ghall-fiera fl-United Arab Emirates. Din il-fiera kienet wahda importanti peress li kienet l-

ewwel darba li l-Emirates kienu ser itiru lejn Libya. Il-fiera kellha ssir fl-14 ta’ Ottubru, 2000;

Id-disinn kien jikkonsisti f’torri li kellu jigi lluminat minn gewwa;

Il-grafika ntbaghtet mill-Emirates. Ic-cd, kif ukoll il-grafika ghaddewhom lis-socjeta’ attrici li damet xi tlett gimghat jew erba’ biex tibghat ix-xoghol. Ix-xoghol inghata rrumblat u is-socjeta’ konvenuta tellghata hekk il-Libya;

Ix-xhud jispjega li meta mbaghad infetah ix-xoghol il-Libya ghall-fiera, sabu li kien hemm hafna grif sistematiku, mhux ikkagunat minhabba *mishandling* jew accident. Il-klijent irrifjuta x-xoghol u inqala’ hafna inkwiet. L-Emirates ma riedux ihallsu, minkejja li l-esebizzjoni saret kif kienet minhabba li ma kienx hemm alternattiva;

Ix-xhud jispjega li kellhom jitilghu Dubai sabiex jithallsu, izda biss wara li kkonvincew lill-Emirates li x-xoghol hazin ma kienx tort taghhom;

Kienu talbu lis-socjeta’ attrici tiehu konsiderazzjoni tax-xoghol hazin, izda  s-socjeta’ attrici ma kienitx disposta li ma tithallasx, accetat li taghti *discount*, pero’ s-socjeta’ konvenuta m’accetatx.

Bhala hlas l-Emirates kellhom ihallsu daqs kemm kellha tiehu s-socjeta’ attrici;

Ra x-xhieda ta’ Damien Casapinta, li huwa direttur tas-socjeta’ konvenuta li jghid li s-socjeta’toffri servizzi ta’ *exhibition contractors* u kienu gew inkarigati mill-Emirates Airlines sabiex jaghmlulom disinn ghall-esibizzjoni fil-Libja, Huwa minn naha taghhom kienu nkarigaw lis-socjeta’ attrici sabiex taghmel il-grafika

Ix-xoghol kien jikkonsisti *f’light boxes*, u cioe’ kaxex ta’ l-injam bid-dawl go fihom sabiex jirriflettu il-print li jkun hemm fil-faccata ta’ l-istess kaxex. L-Emirates baghtu l-grafika gimgha tard u mbaghad is-socjeta’ attrici damet bejn tlett ijiem jew erbgha. Sadanittant,  is-socjeta’

konvenuta kienet lahqet baghtet ix-xoghol il-Libya u ghalhekk hadet il-grafika maghha li kienet irrumblata;

Ix-xhud jispjega li meta hargu l-grafika u wahhluhom mal-kaxex innutaw li kienu kollha migrufin konsistentement mal-*head* tal-printer. Anzi, kien difett tal-*printing* stess. Billi din kienet *high resolution print*, anke l-icken difett kien jigi rifless f'dawn il-kaxex;

Peress li l-fiera saret il-Libja u peress li ma kienx hemm facilitajiet ohra ta' dan it-tip, l-esebizzjoni saret;

Konsegwentement, l-Emirates irrifjutat li thallas u x-xhud jispjega li nefqu hafna flus sabiex irnexxilhom jikkonvincuha thallas, sahansitra anke marru d-Dubai. Ix-xhud jikkoncedi li peress li ghandhom ix-xoghol mal-Emirates huma telghu ukoll Dubai fuq xoghol iehor, izda il-hlas ta' dan ix-xoghol kien l-iskop principali tal-inkontru;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta kienet tezisti relazzjoni ta' appalt, u cioe' is-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghol ta' grafika ghal *stand* ta' l-Emirates Airlines, klijenti ta' l-istess socjeta' konvenuta;

Irrizulta li din il-fiera li kienet ser tinzamm il-Libya u din l-istess fiera kellha l-importanza taghha ghall-Emirates Airlines peress li din kienet l-ewwel darba li kienet qed tippartecipa fiha. Anke l-istess disinn gie ordnat b'certu effetti cioe' b'torri li kellu jinxtghel minn go kaxex;

Is-socjeta' konvenuta qed tinsisti li m'ghandu jsir l-ebda pagament minhabba li l-*printing* kien difettuz ghaliex kien hemm linji konsistenti li hargu mal-printing;

Il-problema kien li peress li kienu l-Libya ma kienx hemm possibilita' li jergghu jqabbdu lil xi hadd iehor biex jaghmilhom ix-xoghol;

It-Tribunal josserva ukoll illi s-socjeta konvenuta nghatet il-grafika tard minghand l-Emirates u b'hekk il-prodott finali wasal tard ghand is-socjeta' attrici li damet xi tlett ijiem jew erba' biex spiccat il-grafika finali.

Minhabba f'hekk, is-socjeta' konvenuta tellghat x-xoghol rrumblat minghajr ma fethitu sabiex tezaminah. Kien biss meta x-xoghol wasal l-fiera li ntebhu li kien hemm difett u li bhala konsegwenza l-Emirates ma kienux soddisfatti. Hawn it-Tribunal ihoss li s-socjeta' konvenuta naqset meta ma vverifikatx ix-xoghol qabel it-trasport tiegu lejn il-Libja. Huwa veru li z-zmien kien qed jaghfas, izda possibililment kieku ivverifikaw ix-xoghol qabel ma baghtuh il-Libja kienu forsi jirimedjaw ghad-difett. It-Tribunal, per ezempju, m'ghandux spjegazzjoni ghala is-socjeta konvenuta ma marritx ghand is-socjeta' attrici biex tezamina ix-xoghol qabel l-ippakkjar. Il-fatt li l-Emirates ittardjaw biex baghtu l-abbozz, zgur mhux tort tas-socjeta' attrici, li konsegwentement tpoggiet f'posizzjoni li kellha zmien inqas biex tlesti ix-xoghol u ciononostante irnexxielha tlestih. Ma ngabux provi jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex titla' 'l ghada, tghid semplicement li preferiet itella' l-grafika maghha, peress li l-oggetti l-ohra li kien hemm bzonn ghall-fiera kienu diga' ntbaghtu. Ghalhekk, l-ewwel konkluzjoni tat-Tribunal hija li jidher wisq probabli li kien hemm opportunita sabiex is-socjeta' konvenuta tivverifika li x-xoghol kien soddisfacenti u skond is-sengha u l-arti qabel ma tiehdu il-Libja;

Il-fiera saret u l-Emirates ippartecipaw fiha regolarment u minhabba li ma kienx hemm alternattiva uzaw l-grafika provduta mis-socjeta' attrici;

Mar-ritorn kien hemm insistenza da parti tas-socjeta' konvenuta li ma kienitx soddisfatta bix-xoghol u rrifjutat li thallas u sahansitra jidher li l-Emirates ukoll ma reditx thallas lis-socjeta' konvenuta ghax-xoghol de quo;

Is-socjeta’ attrici ma gabet l-ebda prova sabiex tinnega li dan ix-xoghol ta’ grafika ma sarx sew, anzi hemm provi li offriet li tihallas billi taghti *discount*, izda ma ntlahaqx ftehim;

L-Artikolu 1640 (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta jikkontempla:-

***“Jekk ikun hemm raguni valida sabiex iholl l-kuntratt, ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li m’ghandhiex tkun izjed mill-ispejjes ta’ l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed il-qies ta’ l-utilita’ ta’ dawk l-ispejjes u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun soffra.”***

Jidher li f’dan il-kaz is-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi li kien hemm raguni valida, billi kien hemm difett fil-*printing* li hareg meta il-grafika tpoggiet fid-“backlit boxes” u b’hekk ix-xoghol ma kienx tal-kwalita’ pattwita  Dan fl-ebda hin ma gie kkontestat pero’ xorta wahda is-socjeta’ attrici qed titlob li tithallas is-somma intiera ta’ seba’ mija erbgha u ghoxrin lira, tmienja u sittin centezmu (Lm724.68);

Dan it-Tribunal ghandu l-obbligu ukoll li jiddetermina jekk minhabba li l-grafika intuzat, kienitx servit l-iskop li ghalih gie ordnat. F’dan il-kuntest jirrizulta li l-grafika ntuzat u fuq dan ma hemmx dubbju. Lanqas ma ngabu provi ta’ kif l-istess grafika li giet uzata difettuza kif kienet, bhala rizultat ta’ dawn id-difetti, setghet ikkontribwiet ghal xi danni;

Huwa minnu li kien hemm opposizzjoni qawwija da parti tal-Emirates biex ma jhallsux, izda skond kif issostni s-socjeta’ konvenuta kienet griet warajhom u fl-ahhar thallset;

Difett jew mhux, il-grafika ntuzat u bhala tali ghandu jigi ritenut li l-uzu jkun kontribwixxa bhala riklam tal-Emirates. Kieku ix-xoghol kien disastruz, zgur li ma kien jigi uzat mill-Emirates, li per se hija linja ta’ l-ajru prestiggjuza. Izda ittiehdet id-decizjoni li jintuza kif kien minhabba nuqqas ta’ alternattivi u dan iwassal lit-Tribunal ghal konkluzjoni li

bid-difetti b'kollox xorta il-materjal kien sufficjentement ta' kwalita tali li setgha jintuza minghajr ma jirrispekkja hazin fuq s-socjeta' li kienet qed tirreklama bih. Fil-fehma tat-Tribunal , ghalhekk ghandu jigi bilancjat il-fatt li illi kieku ix-xoghol kien perfett dan kien jiggjova lill-Emirates aktar mal-fatt li l-istss azienda xorta tajjeb jew hazin inqdiet bih. Fil-fehma tat-Tribunal ghandu jigi ritenut li ix-xoghol provdut mis-socjeta' attrici serva almenu 75% ta' l-utilita' li ghalih gie rikjest u dan meta wiehed jqis li kien jidher xi brix biss, li estetikament zgur ma tahx esposizzjoni perfetta jew ta' l-aqwa kwalita, imma kien sufficjenetement tajjeb biex jintuza kif fil-fatt intuza;

Il-bilanc li ghahekk it-Tribunal irid jaghmel huwa ghalhekk billi jikkonsidra s-segwenti. Minn naha il-wahda, hemm is-socjeta' attrici li ghamlet xoghol difettuz li pero' gie konsenjat lis-socjeta konvenuta minghajr ma din ikkontrollat il-kwalita' tieghu u li effettivament, bid-difetti b'kollox xorta serva ghall-uzu li ghalih kien intenzjonat anki jekk stess seta' kien perfett kif pattwit. Minn naha l-ohra, hemm is-socjeta' konvenuta li hadet il-konsenja tax-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici minghajr ma qabel ivverifikat li kien kif pattwit, li ghamlet uzu mill-istess xoghol, u li thallset tieghu mill-Emirates, u li biex inexxielha taghmel dan kellha tinkorri xi spejjes;

Meta t-Tribunal iqis dawn ic-cirkostanzi jibqa' jigi determinat x'kienu d-danni li tippretendi li sofriet is-socjeta' konvenuta. Gie esebit id-Dokument TC6 fejn spjegat li hi kellha titla' Dubai sabiex tikkonvinci lil Emirates biex thallas. Gie stabbilit, pero', li s-socjeta' konvenuta kienet telghet Dubai fuq xoghol iehor ukoll u fuq kollox it-Tribunal jinnota li qed jigi mitlub bhala danni zewg titjiriet ghal Dubai u cioe' ta' Tonio u Damien Casapinta;

Primarjament, jigi konsidrat li ma kienx hemm bzonn li jitilghu flimkien u t-tieni nett telghu fuq xoghol iehor ukoll. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li jkun gust fid-decizjoni tieghu li jattribwixxi lis-socjeta' konvenuta 75% ta' dawn id-danni li jammontaw ghal elf mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezimu (Lm1161.45). Pero,

minhabba il-fatt li, kif inghad, jidher ukoll nuqqas ta' diligenza da parti tas-socjeta konvenuta li tispezzjona ix-xoghol qabel ma accettat il-konsenja tieghu, it-Tribunal ihoss li l-istess socjeta' ghandha ulterjorment tbati 50% tal-25% tal-ispejjes biex marret Dubai. Jigifieri minn total ta' Lm 1548.6 hija ghandha tbati Lm 1355.03 filwaqt li r-rimanenti Lm 193.75 ghandha dritt tirreklamhom minghand is-socjeta attrici li wara kollox kieku esegwiet ix-xoghol kif pattwit kienet tevita dan kollu. B'hekk, it-Tribunal ihoss li lahaq dak il-bilanc bejn id-drittijiet u responsabbilitajet recirpoci bejn il-kontendenti. Jinghad ukoll kwantu jirrigwarda is-socjeta' konvenuta illi ma jaghmilx sens li biex wiehed jithallas (LM724.68) jonfoq Lm 1548.6;

Hu aktar importanti il-fatt, pero', li fl-ahhar mill-ahhar is-socjeta' konvenuta spiccaw thallsu mill-Emirates!  Jidher inoltre li spiccat thallset daqs kemm suppost kien dovut lis-socjeta' attrici. It-Tribunal jidhirlu illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta mghandiex tinghata il-possibilita' li tarrikkixxi ruhha indebitament;

Il-konkluzjoni li ghalhekk it-Tribunal jasal ghaliha hija li una volta is-socjeta' konvenuta thallset l-intier ta' dak li hu dovut lis-socjeta' attrici, dan ghandu jithallas lis-socjeta' attrici li minn-naha taghha ghandha tbati parti mill-ispejjes li s-socjeta' konvenuta inkorriet biex marret Dubai biex tottjeni il-hlas;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' Lm 530.93 ( Lm724.68 – Lm 193.75) li s-socjeta konvenuta qed tigi kkundannata thallasha.  Spejjes jigu sopportati skond ir-rebh u telf.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------